*Fil-litispendenza, jissusistu l-elementi tal-ġudikat*
*għalkemm b'mod xi ftit imżelleġ.*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 13 ta' Lulju 2023**

**Rikors Nru. 1153/2022 GM**

**1) Paul Falzon detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0422060M u**
**2) Tlata Contractors Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni (C39842)**

**vs**

**Paula sive Pauline Debono detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0676160M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Paul Falzon u tas-Soċjeta' Tlata Contractors Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni (C39842)li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1) Fis-6 ta’ Awwissu, 2020, il-konvenuta Paula sive Pauline Debono talbet u otteniet il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-Nunru 1027/2020 JRM, għas-somma ta' mitejn u disa’ u tmenin elf ewro (€289,000) kontra l-esponenti rikorrenti Paul Falzon u s-soċjeta’ Tlata Contractors Limited b'ħarsien tal-allegat sehem tal-konvenuta min-negozju rigwardanti art sitwata fil-kontrada “Tal-Ibraġġ," fil-Mosta. Kopja ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju qiegħda tiġi hawn unit u mmarkata bħala Dokument PF 1;

2) Il-konvenuta Paula sive Pauline Debono talbet u otteniet il-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1399/2020 FDP kontra l-esponent rikorrent Paul Falzon u s-soċjeta’ Tlata Contractors Limited. Kopja ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni qiegħda tiġi hawn unita u mmarkata bħala Dokument PF 2;

3) Illi l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni [Numru 1399/2020 FDP] ġie miċħud minn din l-Onorabbli Qorti skont digriet datat 10 ta' Novembru, 2020 li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn unita u mmarkata bħala Dokument PF3;

4) Wara li kien ġie miċħud l-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1399/2020 FDP il-konvenuta talbet u otteniet il-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni ġdid liema Mandat ta' Inibizzjoni nħareġ definittivament fit-13 ta' Marzu, 2021 bin-numru 219/2021 MH. Kopja ta' dan il-Mandat ta' inibizzjoni qiegħda tiġi hawn unita u mmarkata bħala Dokument PF4;

5) Fit-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni l-konvenuta Paula sive Pauline Debono talbet illi l-Mandat ta' Inibizzjoni jikkolpixxi l-proprjeta’ kollha tal-esponenti rikorrenti atturi meta hija kienet ben konsapevli li l-proprjeta’ li hija indikat u ddeskriviet b' mod dettaljat u speċifiku fit-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kienet adegwatament tissodisfa l-pretensjoni tagħha. Dan għamlitu l-iskop li tikkastiga u tagħmel ħsara lill-esponenti rikorrenti atturi;

6) Kawża tal-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub u konsegwentement maħruġ l-esponenti rikorrenti atturi ġew preklużi milli jbiegħu proprjeta’ u/jew jittrasferixxu xi proprjeta’, u/jew b' xi mod ieħor jiddisponu minn xi proprjeta’, u/jew jimponu xi piż u/jew xi obligazzjoni reali u/jew xi obligazzjoni personali fuq xi proprjeta’, u/jew bi kwalunkwe mod jgħaddu t-tgawdija temporanja u/jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjeta’, u/jew jimponu xi piż u/jew xi obbligazzjoni reali u/jew xi obbligazzjoni personali fuq xi proprjeta’, u/jew xort'oħra jinnegozzjaw xi proprjeta’;

7) Il-ħsara arrekata lill-esponenti rikorrenti atturi ġiet potenzjata u estiża kawża tal-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li nżamm in vigore u għandu jinżamm in vigore minkejja l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi;

8) Dan kollu flimkien ma’ dak li ser jiġi mfissier fil-kawża li jsegwu jissufraga u jattesta t-teżi tal-esponenti rikorrenti atturi, li l-mira u l-iskop tal-konvenuta ma kienux biss dak li tiġi salvagwardata u soddisfatta l-

pretensjoni tagħha, kif kellha kull dritt li tagħmel, iżda li tarreka ħsara fuq l-esponenti rikorrenti attriċi taħt forma ta' rikatt u estorsjoni velata, aġir li minnu innfisu huwa abbużiv u vessatorju u huwa kundanabbli barra li jġorr miegħu obbliġi risarċitorji da parti tal-konvenuta;

9) Pretensjoni li abbażi tagħha intalbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru u l-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmija hija li l-konvenuta kellha sehem minn negozju li kien qiegħed isir mir-rikorrenti atturi u/jew min minnhom, riferibbli għall-art sitwata fil-kontrada "Tal-Ibraġġ" fil-Mosta u kif ulterjorment u sussegwentement imfisser fir-rikors bit-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni [Numru 219/2021MH], u skont il-konvenuta, din l-istess pretensjoni hija bbażata u fondata fuq dak li jiniżulta minn skrittura datata l-11 ta' Ottubru, 2019, li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn unita u mmarkata bħala Dokument PF 5, liema skrittura tipprovdi li l-konvenuta Paula sive Pualine Debono kellha tirċievi in kontro-kambju u mingħajr ħlas mingħand l-esponenti rikorrenti atturi u/jew min minnhom, xi porzjoni ta' art meta jiġu ffirmati kuntratti finali b'konnessjoni mat-trasferiment tal-imsemmija art fil-kontrada "Tal-Ibraġġ" fil-Mosta;

10) Il-konvenuta ikkwantifikat il-pretensjoni tagħha fl-ammont ta' mitejn u disa' u tmenin elf ewro (€289,000);

11) Bejn il-konvenuta u r-rikorrenti atturi u/jew min minnhom ma hemm ebda sħubija kemm jekk regolari u kemm jekk irregolari, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża;

12) In aġġunta skont iż-żewġ konvenji li kienu saru mas-Sur Philip Portelli kif ukoll ma' martu, s-Sinjura Maria Louisa sive Marisa Portelli nhar it-8 ta' Ottubru 2019, l-istess konvenuta Paula sive Pauline Debono kienet minn rajha u mingħajr ebda pressjon minn ħadd, iddikjarat hekk:

"....15. Paula Debono, karta tal-Identita' Numru 0676160M qed tiddikjara li ma tivvanta ebda pretensjonijiet fuq l-imsemmija propjreta' a qed tirrinunzja għad-drittijiet msemmija fil-konvenju bejn il-vendituri u s-sidien attwali...." (Ara ż-żewġ konvenji datati t-8 ta' Ottubru 2019 hawn annessi u mmarkati bħala DOK KONVENJU 1 u DOK KONVENJU 2)

13) Il-venditur prospettiv fiż-żewġ konvenji li ġew iffirmati mas-Sur Philip Portelli u ma' martu, s-Sinjura Maria Louisa sive Marisa Portelli nhar it-8 ta' Ottubru 2019 u dan fil-preżenza anke tal-istess konvenuta Paula sive Pauline Debono, ma huwa ħadd ħlief l-esponenti rikorrenti Tlata Contractors Limited;

14) Is-sidien tal-art msemmija fiż-żewġ konvenji ffirmati mas-Sur Philip Portelli u ma' martu, s-Sinjura Maria Louisa sive Marisa Portelli nhar it-8 ta' Ottubru 2019 senjatament l-art fil-kontrada "Tal-Ibraġġ," fil-Mosta, huma Joseph Gauci u martu Annunzjata sive Lonza nee' Mallia, skont kif jirriżulta fil-konvenju ffirmat fit-30 ta' Lulju, 2019 quddiem in-Nutar Jonathan Vella bejn l-esponenti rikorrenti Tlata Contractors Limited u l-imsemmija Joseph Gauci u l-istess Annunzjata sive Lorenza Gauci;

15) Il-konvenuta ma hijiex firmatarja tal-konvenju ffirmat fit-30 ta' Lulju, 2019 quddiem in-Nutar Dottor Jonathan Vella bejn Tlata Contractors Limited u Joseph Gauci u Annunzjata sive Lorenza Gauci riferibbilment għall-art fil-kontrada "Tal-Ibraġġ," fil-Mosta minkejja li l- konvenuta kienet preżenti waqt l-iffirmar ta' dan il-konvenju;

16) Oltre dan, il-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2019 li fuqu hija bbażata u fondata l-pretensjoni tal-konvenuta fit-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni [Numru 219/2021 MH] u l-Mandat ta' Sekwestru [Numru 1027/2020 JRM] u li jipprovdi għall-wegħda konsistenti f'kontro-kambju mingħajr ħlas, ma ġiex reġistrat mal-Kummissarju għat-Taxxi kif rikjest minn Artikolu 3(6) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti - Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta u mill-Artikolu 10 tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti [Avviż Legali 98/1993 kif sussegwentement emendat - L.S. 364.06). Isegwi għalhekk li l-ftehim tal-11 ta' Ottubru 2019 li fuqu qiegħda tibbaża l-pretensjoni tagħha l-konvenuta huwa wieħed null u mingħajr effett u per konsegwenza ma seta' jkollu u ma seta' jipproduċi l-ebda effett u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipju quod nullum est nullum producit effectum.

17) Isegwi li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 1027/2020 JRM u t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 219/2021 MH saru b'mod abbużiv, frivolu u vessatorju u bl-iskop uniku li l-Mandati li tagħhom intalab il-ħruġ jikkawżaw ħsara u dannu rreparabbli lir-rikorrenti atturi;

18) L-esponenti rikorrenti atturi barra d-danni lilhom arrekati u minnhom sofferti konsistenti f'telf ta' qligħ, minħabba li trattattivi dwar bejgħ ta' proprjetajiet li kienu jinsabu fil-proċess ta' definizjoni finali u attwazzjoni kellhom jiġu abbandunati u dan kif ser jiġi muri u ppruvat fil-kors tas-smigħ tal-kawża, soffrew preġudizzju serju u dannu għall-fatt li partikolarment kawża tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, l-Banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħra ma kinux disposti li jżommu attiv u viġenti r-rapport bankarju li kellhom mal-esponenti rikorrenti atturi u lanqas jikkunsidraw proposti ta' finanzjament u/jew ftuħ ta' kontijiet bankarji ġodda;

19) Illi oltre dan l-esponenti rikorrenti atturi inkorrew imgħaxijiet addizzjonali fir-rigward ta' mutwi li kellhom jiġu kanċellati u mwaqqfa kif ser jirriżulta fil-kors tas-smigħ tal-kawża;

20) L-istess aġir abbużiv tal-konvenuta ma waqqafx bil-ħruġ abbużiv, vessatorju u frivolu tal-imsemmija Mandati iżda intensifikat u aggravat b'aġir doluż u spreġevoli meta waqt is-seduta tas-smigħ tal-21 ta' Jannar 2022 tal-kawża li segwiet l-imsemmija Mandati kawtelatorji [Rikors Numru 7l4/2020/MH fl-ismijiet "Paula sive Pauline Debono detentriċi tal-Karta tal-Identia' bin-Numru 0676160M vs. (1) Paul Falzon detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0422060 M u (2) Tlata Contractors Limited bin-Numru tar-Reġistrazzjoni (C39842)] l-konvenuta ppreżentat dokument li jirriżulta manifestament iffabbrikat, preżumibilment u probabilment mill-istess

konvenuta, dokument li ġie mmarkat bħala DOK RTA u li kopja tiegħu tinsab hawn unita u qiegħda tiġi mmarkata bħala Dokument PF 6;

21) Il-konvenuta Paula sive Pauline Debono ġiet interpellata sabiex twaqqaf u tirrimedja l-aġir abussiv, doluż u vessatorju tagħha, iżda hija mhux biss baqgħet inadempjenti iżda kompliet tippersisti u tippersevera fil-pjan u l-oġġettiv tagħha li kemm jista' jkun tittormenta, tivvessa u tikkawża ħsara lir-rikorrent attur Paul Falzon u s-soċjetajiet tiegħu;

22) Għalhekk qiegħda issir din il-kawża;

23) L-esponenti rikorrenti atturi jikkonfermaw li jafu bil-fatti suesposti personalment;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

(1) prevja kull dikjarazzjoni li l-konvenuta Paula sive Pauline Debono fiċ-ċirkostanzi li hija kienet tinsab fihom u tenut kont il-fattispeċi tal-każ tagħha inkluż iżda mhux limitatament, il-mankanza ta' kull forma ta' sħubija bejnha u bejn l-esponenti rikorrenti atturi u/jew min minnhom u l-fatt li l-ftehim li fuqu hija ssejjes il-pretensjoni tagħha huwa ftehim null u mingħajr effett għar-raġunijiet fuq esposti, aġixxiet b'mod frivolu, abbużiv u vessatorju bil-ħsieb li tarreka u tikkaġuna danni lill-esponenti rikorrenti atturi, tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuta Paula sive Pauline Debono hija responsabbli għad-danni kollha mġarrba mill-esponenti rikorrenti Paul Falzon u s-soċjeta' Tlata Contractors Limited u/jew min minnhom, kawża u konsegwenza tal-istess imsemmi aġir;

(2) tillilkwida d-danni mġarrbin mill-istess esponenti rikorrenti atturi w/jew min minnhom, okkorrendo tramite l-opera ta' periti nominandi;

(3) tikkundanna lill-konvenuta Paula sive Pauline Debono tħallas lill-esponenti rikorrenti atturi u/jew min minnhom id-danni hekk likwidati;

B'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti rikorrenti u bl-imgħaxxijiet legali u bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, tal-Mandat ta' Inibizzjoni u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju ppreżentati konteswalment kontra l-konvenuta li minn issa tinsab inġunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta’ Paula sive Pauline Debono li permezz tagħha eċċepiet illi :

**Eċċezzjonijiet**

Preliminarjament, illi hemm *lis alibi pendens* relattivament għall-ewwel parti tal-ewwel talba tal-atturi peress illi din il-materja hija ġja meritu ta' kawża oħra fl-ismijiet *Paula Debono vs Paul Falzon et* (Rik Ġur Nru 714/2020 MH).

Sussidjarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-meritu t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan peress illi:-

(i) l-esponenti kellha u għandha kull dritt li tikkawtela l-pretensjoni tagħha kif dedotta fir-rikors fuq imsemmi bil-mandati li hija ottjeniet il-ħruġ tagħhom kontra r-rikorrenti, liema mandati inħarġu b'mod leġittimu u leċitu;

(ii) fi kwalunkwe każ hija ma kkaġunat ebda danni lir-rikorrenti li għalihom l-esponenti tista' tkun jew hija responsabbli;

(iii) mhux minnu li r-rikorrenti sofrew xi danni u wisq anqas danni imputabbli lill-esponenti; u

(iv) sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess il-kawża illeċita jew immorali ta' dak li qed jintalab.

Illi dawn il-proċeduri huma purament vessatorji, abbużivi u saru biss sabiex irrikorrenti jitolbu l-ħruġ ta' mandati ta' sekwestru u ta' inibizzjoni fl-ammont ta' Euro 1,200,000 kontra l-esponenti, u dan bi tpattija talli l-esponenti għamlet kawża kontra r-rikorrenti ħalli titħallas dak li huwa dovut lilha u kkawtelat il-pretensjoni tagħha b'mandat ta' sekwestru u mandat ta' inibizzjoni skont il-Liġi.

**Dikjarazzjoni tal-fatti**

l. Hemm pendenti bejn il-kontendenti kawża fl-ismijiet "Paula Debono vs Paul Falzon et" (Rik Ġur Nru 714/2020 MH).

2. Hemm pendenti bejn il-kontendenti proċeduri sabiex jiġu revokati mandati li l-esponenti leġittimament ottjeniet il-ħruġ tagħhom sabiex tikkawtela l-pretensjoni tagħha dedotta fir-rikors ġuramentat imsemmi fil-paragrafu 1.

3. L-esponenti ma kkaġunat ebda danni lir-rikorrenti li għalihom l-esponenti tista' tkun jew hija responsabbli.

4. Mhux minnu li r-rikorrenti sofrew xi danni u wisq anqas danni imputabbli lill-esponenti.

5. Dawn il-proċeduri huma purament vessatorji, abbużivi u saru biss sabiex ir-rikorrenti jitolbu l-ħruġ ta' mandati ta' sekwestru u ta' inibizzjoni fl-ammont ta' Euro 1,200,000 kontra l-esponenti, u dan bi tpattija talli l-esponenti għamlet kawża kontra r-rikorrenti ħalli titħallas dak li huwa dovut lilha u kkawtelat il-pretensjoni tagħha b'mandat ta' sekwestru u mandat ta'

inibizzjoni skont il-liġi, u sabiex ipoġġu lill-esponenti f'pożizzjoni prekarja finanzjarjament.

6. Hemm diversi proċeduri oħra li l-esponenti għamlet kontra r-rikorrenti Paul Falzon u soċjetajiet minnu kkontrollati għal ħlas ta' krediti dovuti lilha u li Paul Falzon qed jirrifjuta li jħallas u dan sostanzjalment minħabba li l-esponenti tterminat kull relazzjoni ta' natura personali u intima li għal ħafna snin kellha ma' Paul Falzon. Il-proċeduri odjerni huma magħmula wkoll magħmula bħala ritorsjoni talli l-esponenti waqfet din ir-relazzjoni ma' Paul Falzon.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li l-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni; ċjoe` dik tal-*lis alibi pendens.*

Ikkunsidrat:

Hemm kawża pendenti quddiem din il-Qorti, diversament ippreseduta (Rik. Ġur. Nru. 714/2020 MH) bejn l-istess partijiet iżda fl-ismijiet inversi, li nfteħet **qabel** ma ġiet miftuħa l-kawża preżenti. Permezz tal-ewwel talba f'dik il-kawża, Pauline Debono (konvenuta f'din il-kawża) qiegħdha titlob lill-Qorti **tiddikjara li hija sħab** fin-negozju mal-konvenuti (atturi f'din il-kawża).

Fil-kawża preżenti, l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u ħlas ta' danni allegatament minnhom sofferti minħabba l-ħruġ abbużiv ta' diversi mandati kawtelatorji **ibbażati fuq pretensjoni (sħubija mal-atturi) imsejsa fuq ftehim null.** Preordinatament għal din it-talba, qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara n-nullita` tal-imsemmi ftehim.

Għalhekk fl-ewwel kawża l-Qorti qiegħdha tintalab tafferma l-eżistenza ta' ftehim ta' sħubija bejn il-partijiet. F'din il-kawża qiegħdha tintalab tiddikjarah null.

L-azzjoni hija l-mezz kif id-dritt sostantiv miksur jiġi magħruf jew reintegrat. Għalhekk għal kull dritt hemm azzjoni biex tiddefendih. Għalhekk l-azzjoni hija dritt minnha nnifisha; id-dritt li tiskatta l-funzjoni ġurisdizzjonali tas-sovranita' biex tiġi stabbilita mill-ġdid l-armonija fl-ordni ġuridiku privat meta dan jiġi ddisturbat. Ġaladarba jiġi eżerċitat id-dritt t'azzjoni dwar rapport ġuridiku partikolari, u tingħata sentenza, huwa jiġi eżawrit. Għalhekk ma jistax jerġa' jiġi eżerċitat dwar dak ir-rapport, fl-istess ċirkostanzi u għall-istess skop. Fuq dan il-prinċipju ġiet ikkonsagrata r-regola tal-awtorita` irrevokabbli tal-ġudikat: *de eadem re ne bis sit actio.* Għall-istess raġuni ma tistax tiġi eżerċitata l-istess azzjoni fl-istess ħin quddiem żewġ organi ġurisdizzjonali differenti. Dan sabiex eventwalment ma jkunx hemm żewġ ġudizzji bejn l-istess nies u l-istess ħaġa konfliġġenti għal xulxin. L-eżistenza ta' żewġ azzjonijiet bħal dawn tissejjaħ *litispendenza*. Hija tixbaħ lill-istitut tar-*res judicata*; anke għaliex hija tutela preventiva tal-istess istitut.

Dan il-prinċipju li ġej minn żminijiet antiki ġie kkodifikat b'dan il-kliem fil-Kap 12:

> **792. Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra.**

L-Art. suċċitat jitratta l-litispendenza vera u proprja, li tikkonsisti fi kwistjoni identika li tinġieb darbtejn quddiem imħallfin differenti; filwaqt

li Art. 793 jitratta l-konnessjoni jew kontinenza ta' kawżi. Għalkemm fil-passat il-litispendenza kienet ukoll tirreferi għall-konnessjoni ta' kawżi, il-leġiżlatur irrestrinġa l-kunċett tal-litispendenza għall-ewwel ipotesi biss.

Tradizzjonalment, jingħad li l-elementi tal-litispendenza huma:

(1) L-identita` tal-kawża.
(2) Il-pendenza fl-istess żmien ta' żewġ domandi.
(3) Quddiem żewġ awtoritajiet ġudizzjarji ugwalment kompetenti
(4) Differenza kronoloġika bejn iż-żewġ domandi.

B'danakollu, filwaqt li ċerti kodiċijiet jesiġu li jkun hemm żewġ kawżi identici:

- *Le meme litige* (Art. 100 Code de Procedure Civile Franċiż vigenti (ippromulgat fil-1975).
- *Una stessa causa* (Art. 28 Codice di Procedura Civile per gli Stati di S.M. il Re di Sardegna (1859).
- *Una stessa causa* (Art.142 Codice di Processura Civile per gli Stati di Parma, Piacenza u Guastalla (1832).
- *La stessa causa* (Art. 104 l-ewwel kodici tal-Italja magħquda).
- *Una stessa causa* Art. 39 Codice di Procedura Civile Taljan viġenti (1940).

Kodiċijiet oħrajn, inkluż dak Malti, ma jitolbux hekk imma, minflok, jesiġu li jkun hemm żewġ domandi għall-istess oġġett:

- *Une demande pour le meme objet* (Art. 171, Kodiċi oriġinali proċedura ċivili Franċiż).
- *Una dimanda per l'oggetto stesso* (Art. 265 Codice per lo Regno delle due Sicilie (1854).
- *Qualora sia stata fatta precedentemente una domanda per l'oggetto istesso* (Art. 804 Leggi di Organizazzione e Procedura Civile (Malta)(1855). Fit-test Ingliż: *A demand for the same object.*

> Ma jidhirx li l-Kummissjonarji nkludew din il-materja fl-abbozz tagħhom tal-1850, li iżda ddaħħlet fit-test oriġinali tal-kodiċi.

Jingħad li l-litispendenza għandha in komun mar-*res judicata* l-identita` soġġettiva (*inter easdem personas*) u l-identita` oġġettiva (*eadem res, eadem causa petendi*). B'danakollu, minħabba d-differenza naturali bejn kawża deċiża u kawża li għadha pendenti, **mhuwiex dejjem meħtieġ li l-estremi kollha tal-ġudikat jikkonkorru fil-litispendenza.** Tant li:

(1) l-oġġett ta' waħda mill-kawżi jista' jkun impliċitu fl-oħra.
(2) l-oġġett ta' waħda jista' jkun usa mill-oġġett tal-oħra u jkun kompriż fih.
Fi kliem il-Mortara:

> L'oggetto di una causa puo` essere compreso esplicitamente o implicitamente in quello dell'altra, nel qual caso, sebbene identita` perfetta non vi sia fra le due domande, si affaccia del pari il pericolo che la potesta` giurisdizionale sia esercitata due volte sulle stesso contrasto giuridico. Puo` accadere che la prima domanda abbia una sfera piu ristretta della seconda, e pure provochi un giudizio il quale presupponga la cognizione della controversia sollevata con la seconda, di guisa che, qualora i magistrati avessero a pronunziare liberamente su entrambe, si renderebbe possibile un conflitto, o un inutile o illegittimo dualismo di decisioni su una parte, almeno, della materia controversa. Stimiamo che in siffatta ipotesi sia proponibile l'eccezione di litispendenza, per l'effetto di far trasportare innanzi al foro della prevenzione la cognizione e pronunzia anche sul di piu` contenuto nella seconda domanda.[1]

L-ewwel talba tista' tkun iktar ristretta mit-tieni, iżda tiskatta ġudizzju li jippresupponi l-konjizzjoni tal-kontroversja mqanqla bit-tieni talba, b'mod li, jekk l-imħallfin jippronunzjaw ruħhom fuq it-tnejn, jista' jkun hemm konflitt jew dupliċita' bla ħtieġa jew illeġittimu ta' sentenzi, tal-inqas fuq parti mill-materja kontroversa.

[1] Mortara Commento del Codice e delle leggi di procedura civile, (it-tieni edizzjoni) Vol II, paġ. 294 u 295.

> Sussiste litispendenza e non continenza tra due cause qualora tra esse vi sia identita' di *causa petendi* e di *petitum* pendenti fra le stesse parti, anche nel caso in cui detto rapporto si verifichi in relazione a due domande mentre uno dei due giudizi abbia ad oggetto piu' domande, una sola delle quali identica a quella avvanzata nell'altro procedimento, ben potendo in questo caso la litispendenza esser dichiarata con riferimento ad una soltanto delle domande proposte.[2]

Il-kawżali tat-talba tista' tkun differenti, b'mod li s-sentenza tal-ewwel kawża, jekk tiġi ppronunzjata, ma tostakolax lit-tieni waħda. Imma jekk l-iskop fiż-żewġ istanzi huwa l-istess, l-eċċezzjoni tal-litispendenza tkun valida fejn dik tal-ġudikat ma tkunx. Per eżempju: jekk min jippretendi li jkun eredi leġittimu jitlob quddiem qorti n-nullita' tat-testment minħabba difett fil-forma; u quddiem qorti oħra l-inkapaċita' tal-werriet imsemmi fit-testment jew xi motiv ieħor tal-ineffikaċja tat-testment. Dan għaliex filwaqt li huwa minnu li jekk tiġi miċħuda l-ewwel domanda ma jkunx hemm ostaklu biex tiġi deċiża t-tieni; jekk tiġi milqugħa t-tieni ssir improponibbli. Iż-żewġ kawżi għandhom skop immedjat wieħed – dik li tiġi affermata l-kwalita` ta' werriet leġittimu. Min-naħa l-oħra, meta ż-żewġ kawżi jkunu għadhom pendenti ma jkunx magħruf x'sejjer ikun l-eżitu tal-ewwel ġudikat li jiġi ppronunzjat.

> Non e' necessario che vi sia unita' integrale di controversia, bastando anche unita' parziale di essa: e (non e' necessaria la) identica causa del domandare; ma basta che la materia e lo scopo della seconda domanda siano in tutto od in parte eguali a quelli della prima, perche' l'eccezione di litispendenza acquisti legale proponibilita'.[3]

Kull meta jikkonkorru l-estremi tal-ġudikat ikun hemm il-litispedenza; iżda anke meta ma jikkonkorrux kompletament, jista' jkun hemm il-litispendenza. **Għalhekk hija iktar preċiża d-diċitura tal-Kodiċi**

---

[2] Cass. 05/27783.

[3] Lodovico Mortara, Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile Vol II 3a ediz. Riveduta paġna 295. Michele Battista fid-Digesto jirreferi għal Mortara u jaqbel miegħu – *Digesto Italiano, Litispendentia (Vol XIV paġna 968 et seq.)*

**Franċiż oriġinali, tad-Due Sicilie, u dak Malti li ma jesiġux żewġ kawżi identiċi, imma biss li l-oġġett tagħhom ikun l-istess.**

Il-*causa petendi* hija l-fattispeċje kostituttiva tad-dritt dedott fil-ġudizzju. Jekk tkun pendenti kontroversja li jkollha bħala oġġett dritt b'relazzjoni għal ċerta *causa petendi* (ossia b'relazzjoni ma' ċerta fattispeċje kostituttiva ta' tali dritt); u kawża oħra b'kontroversja dwar l-istess dritt imma abbażi ta' fattispeċje kostituttiva oħra; **l-oġġett taż-żewġ proċessi jibqa' l-istess** u għalhekk bejn iż-żewġ proċessi jkun hemm il-litispendenza. Per eżempju: Ċikku jitlob dikjarazzjoni li hemm dritt ta' passaġġ bil-karettun minn fuq il-fond ta' Peppi abbażi ta' servitu` maħluqa b'kuntratt. F'kawża oħra Ċikku jagħmel l-istess talba abbażi tal-użukapjoni. Ġwanni jitlob mingħand Pawlu r-risarċiment tad-danni kkawżati f'inċident stradali għax Pawlu ma rrispettax il-preċedenza. Fit-tieni kawża Ġwanni jitlob id-danni dwar l-istess inċident għax Pawlu kien xurban.[4]

Mhux ostaklu għal-litispendenza li parti tkun attriċi f'kawża u konvenuta fl-oħra; jew viċi-versa. Tant li meta ħabtu żewġ vapuri fil-Port il-Kbir waqt li wieħed kien dieħel u l-ieħor ħiereġ, il-Kaptan Smith ħarrek quddiem il-Qorti tal-Viċi Ammiraljat lill-Kaptan Arvanitis għad-danni mġarrba mill-vapur tiegħu. Imbagħad Arvanitis, il-Kaptan tal-vapur l-ieħor, ħarrek lill-Kaptan Smith quddiem il-Qorti tal-Kummerċ għad-danni subiti fil-vapur tiegħu. Il-Qorti tal-Kummerċ[5] bagħtet l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Ammiraljat. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat

[4] L-eżempji ngħataw minn Francesco P. Luiso, Diritto Processuale Civile, 13 ed. (2022)Vol I, Principi Generali, paġni 208, 209.
[5] Ippreseduta mill-Imħallef Paolo Debono deċiża 18.10.1888 Vol. XII.36.

is-sentenza.[6] Ingħad ukoll l-istess ħaġa minn din il-Qorti diversament ippreseduta in re: **Zammit v Minuti**:

> Illi fil-każ in diżamina jidher ċar li l-azzjoni naxxenti bejn iż-żewġ u l-istess kontendenti (**il-fatt li wieħed hu attur fil-kawża odjerna u konvenut fil-kawża l-oħra u viċeversa ma jalterax iċ-ċirkustanzi** – ara Nota A no 1.) mill-istess titolu li huwa l-vendita in kwistjoni, li wieħed irid jirriżolvi u l-ieħor irid li tkun mantenuta, għall-oġġett mill-parti l-waħda biex jieħu flusu mħallsa akkont lura u ma jkunx tenut għall-bilanċ tal-prezz, mentri l-ieħor għall-fini li jinkassa dan l-istess bilanċ, jirrendi manifesti r-rekwiżiti tar-rejudikata li huma meħtieġa sabiex isseħħ l-eċċezzjoni tal-pendenza tal-liti.[7]

Din hija wkoll l-interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza Taljana:

> A norma dell'art. 39 c.1, ricorre la litispendenza quando fra due (o piu') giudizi sussista identita' oltre che dei soggetti, anche del petitum (inteso come bene della vita del quale si chiede la tutela) e della causa petendi (Intesa come fatto costitutivo della domanda), **a nulla rilevando, nella ricorrenza (dell'identita') dei due elementi oggettivi, che un soggetto assuma formalmente in un giudizio la qualita' di attore e nell'altro (o negli altri giudizi) la qualita' di convenuto**.[8]

Mhux biżżejjed li ż-żewġ kawżi jirreferu għall-istess rapport ġuridiku; l-fatt kostituttiv irid ikun l-istess:

> L'identita' di causa petendi deve pero' essere riferita esclussivamente al fatto costitutivo del diritto fatto valere in giudizio, con la conseguenza che se piu' domande, pur essendo inerenti al medesimo rapporto giuridico intercorso fra le parti, traggano tuttavia il loro fondamento da fatti costitutivi non collegati fra loro neanche da un nesso di dipendenza, la litispendenzia non sussiste.[9]

Applikati l-prinċipji suesposti għall-eċċezzjoni tal-litispendenza f'din il-kawża, m'hemm l-ebda dubju li din hija waħda valida. Fl-ewwel kawża, Pauline Debono qiegħdha titlob dikjarazzjoni li l-ftehim tassew jeżisti; fit-tieni kawża, Paul Falzon u Tlata Contractors Limited qegħdin jitolbu

---

[6] Capt. Giorgio Arvanitis v. Capt. William J. Smith 19.10.1888 Qorti tal-Appell (Sir Adriano Dingli, Sir Salvatore Naudi, Lorenzo Xuereb) XII.38.
[7] Ara George Zammit v Rev. Giuseppe Minuti 25.04.1959 Prim'Awla XLIII.ii.702. li tagħmel riferenza għal ġurisprudenza anterjuri.
[8] Cass. Ol/792.
[99] Cass. 02/10195.

lill-Qorti tiddikjara li l-ftehim ma jeżistix. L-oġġett taż-żewġ kawżi huwa l-istess: il-ftehim ta' sħubija fin-negozju bejn iż-żewġ partijiet. Ma jimpurtax li f'din il-kawża l-atturi m'humiex qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom unikament fuq in-nuqqas ta' sħubija; u lanqas li l-attriċi fl-ewwel kawża hija l-konvenuta f'din il-kawża. Li jgħodd hu li l-oġġett taż-żewġ kawżi huwa wieħed identiku.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni; tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ u tirrimetti l-atti lir-Reġistratur sabiex jassenjahom lil din il-Qorti diversament ippreseduta li qiegħda tisma' l-kawża Paula Debono v Paul Falzon et (Rik. Ġur. Nru. 714/2020 MH).

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA